SAN ĠILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 34/K4/04

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 08/07/'04** **179**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 08/07/'04** **232**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju 2004.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Nicky Pillow.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-2 ta' Lulju 2004. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management letter
4. Tender Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni (t-tieni fażi)
5. Tender Parks and Gardens
6. Residential Parking
7. Ħatra Deputat Segretarju
9. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 32/K4/04 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 32/K4/04.

1.3.03 Il-Kunsillier John Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 33/K4/04 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsillier Norman Vella oġġezzjona li saret il-laqgħa minħabba li l-aġenda waslet tard u peress li kien hemm affarijiet importanti li jidhirlu li kulħadd kellu jkun preżenti.

1.3.07 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li kulħadd kien infurmat u li skond il-liġi kien hemm quorum.

1.3.08 Il-Kunsillier John Agius irtira mil-laqgħa tal-Kunsill fit-2.45 p.m.

1.3.09 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ressaq emenda għal Paġna 4 Paragrafu 5.03 (VI) biex titniżżel il-kelma "u" minflok "jew".

1.3.10 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

1.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.3.12** Il-Kunsillier Marcel Scicluna ressaq emenda għal Paġna 5 Taqsima 6 Paragrafu 6.04 biex minflok il-kelma " **telaq**" jitniżżel "**ħareġ**" u wara "**5.30p.m.**" jitniżżel "**mhux minħabba d-diskusjoni fuq il-Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv iżda minħabba diskusjoni oħra**".

1.3.13 Il-Kunsillier Robert Camenzuli issekondah.

1.3.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.15 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 33/K4/04 kif emendati.

1.3.16 Il-Kunsillier Peter Bonello ssekondah.

1.3.17 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 2450 | Kwotazzjoni mingħand Ozosystem Ltd. rigward tneħħija ta' chewing gum minn fuq il-bankina ta' bejn il-Barracuda u l-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan . |
| 2451 | Ittra mingħand Cleland and Souchet Ltd. rigward tlett 15 minutes parking bays għall-klijenti u għal un/loading bay b'unlimited parking għall-esiġenza tal-ħanut tagħhom. |
| 2491 | Ittra mingħand l-Awtorita ta' Malta dwar it-Turiżmu rigward '*Meeting Tourism Zone Support Scheme*'. |
| 2527 | Kopja ta' ittra mingħand id-Diviżjoni tax-Xogħolijiet rigward Arranġament tat-Traffiku fil-pjazza ta' Paceville. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru 2450

B'riferenza għall-kwotazzjoni mingħand Ozosystem Ltd. rigward tneħħija ta' 'chewing gum' minn fuq il-bankina ta' bejn il-Barracuda u l-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan, il-Kunsill oġġezzjona li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni madankollu ċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li din l-korrispondenza ser terġa titressaq darb'oħra għad-diskussjoni.

2.03 Rif. Nru 2451

B'riferenza għall-ittra mingħand Cleland and Souchet Ltd. rigward tlett 15 minutes parking bays għall-klijenti u għal un/loading bay b'unlimited parking għall-esiġenza tal-ħanut tagħhom il-Kunsill qabel unanimament li din l-ittra tiġi riferuta lill-Awtorita' dwar it-Transport għall-approvazzjoni tagħhom.

2.04 Rif. Nru 2491

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu rigward '*Tourism Zone Support Scheme*' il-Kunsill qabel unanimament li jsir servizz addizzjonali ta' ġbir ta' l-iskart u tbattil ta' 'Litter Bins' minn ħdejn il-Baracuda Restaurant fi Triq il-Kbira sa Paceville area inkluż id-dawra tal-bajja f'San Ġorġ u li dan is-servizz isir bejn is-1 p.m u l-5 p.m.

2.05 Rif. Nru 2527

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Diviżjoni tax-Xogħolijiet rigward Arranġament tat-Traffiku fil-Pjazza ta' Paceville, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

## 3. Management Letter

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b' kopja tal-Management Letter u l-azzjoni li ser tittieħed fuqha permezz ta' ittra Rif. K530/62/03 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Marcel Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter.

3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Tender Kuridur Ekoloġiku

4.01 Il-Kunsill iddiskuta jekk jaċċettax li l-kuntrattur Schranz & Associates jingħata t-tender u liema partijiet tat-tender il-Kunsill jista' jagħmel.

4.02 Wara diskussjoni l-Kunsillier Marcel Scicluna ppropona li:-

- ✓ għalissa ma jsirux il-Finishes u l-Extras tal-Electrical Installation tal-Football Ground minn item 2 sa 6 li jammontaw għal Lm24,034 u t-Toilets u l-Kiosk li jammontaw għal Lm 52,177. Total ta' Lm76,211. (Ara Appendiċi 'B')
- ✓ Il-kuntrattur jiġi mitlub jivverifika l-'lump sum discount' minħabba t-tnaqqisijiet li ser isiru.
- ✓ Il-Kunsill jirriserva d-dritt li 'l-quddiem jista' jagħmel parti minn jew ix-xogħolijiet li mhumiex ser isiru għalissa.
- ✓ L-kuntratt jingħata lil Schranz & Associates.

4.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Tender Parks and Gardens

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'Shedule li tinkludi l-informazzjoni dwar minn ittenderja (Ara Appendiċi 'Ċ')

5.02 Wara diskussjoni l-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet li tintagħżel l-offerta ta' l-Environmental Landscapes Consortium Ltd.

5.03 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ssekonda.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Residential Parking**

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa ma' l-Awtorita' Dwar it-Transport ta' Malta nhar il-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2004, fejn ġejna nfurmati niktbu lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali sabiex meta jkollhom ir-rapport tas-survey fuq ir-residential parking f'Paceville lest jibgħatulna kopja.

6.02 Iċ-Charmain Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li meta jkun hemm xi meeting jixtieq li jkun hemm aktar attendenza mill-Kunsilliera.

**7. Ħatra Deputat Segretarju**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Memo 16/2004, Memo 16a/2004 u Incoming 2424/04, (Ara Appendiċi 'D') dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u fetaħ id-diskussjoni biex tinħatar Ms. Connie Saliba.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-Kunsill li l-iskrivana Connie Saliba hija l-aktar waħda li għandha esperjenza u li għandha tiġi kkunsidrata mill-Kunsill.

7.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Marcel Scicluna ppropona li tinħatar l-iskrivana Connie Saliba bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

7.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

7.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1632 sa 1645 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

9.02 Il-Kunsillier Marcel Scicluna talab li jiltaqa' mal-Contracts Manager rigward Triq San Mark, Triq San Mikiel u r-roundabout ta' Triq Lapsi.

9.03 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

9.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

9.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10. Materji Oħra**

10.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

10.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

10.03 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jiġu rranġati l-bankini ta':-

- Triq Ġdida fi Triq Birkirkara
- Triq il-Baltiku kantuniera ma' Triq Mikielangelo Borg l-isfel sa qabel il-pjazza ta' Spinola.
- Triq Forrest in-naħa tal-Kunsill u n-naħa oppost tal-Kunsill
- Triq Manuel Dimech (hemm bżonn li tiddejjaq il-bankina biex jkun hemm post għall-parkeġġ).
- Triq Zammit Clapp

10.04 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li l-Iskrivana Connie Saliba ser tiżżewweġ fil-bidu ta' Settembru, u staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li tingħata xi ħaġa.

10.05 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa darb'oħra.

10.06 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex ma jitħallix sa l-aħħar biex jiġi provdut artiklu għall-magażine li jmissu joħroġ għal Awissu.

10.07 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir fis-2.30 p.m.

10.08 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ġibed l-attenzjoni li fi Triq Bertha K. Ilg quddiem Blokk D hemm żewġ ċnagen fil-passaġġ biex jiġu rranġati f'posthom.

10.09 Iċ-Chairman Peter Bonnello ser jiltaqa' 'on site' mas-Sur Albert Borg (MP&DC) nhar it-Tlieta 13 jew l-Erbgħa 14 ta' Lulju fis-1 p.m. rigward l-area li hemm ħdejn il-Westin Dragonara Hotel taħt St. George's Park.

10.10 Ġie deċiż li:-

- t-tabella tal-karrozzini fi Spinola ssir bil-ħin għas-sajf u minflok l-erbgħa parking bays li hemm isiru tnejn u tinbidel it-tabella
- tintbgħat 'reminder' lill-pulizija biex rigward it-tneħija tat-tabella tat-'Tow Zone' li hemm fi Triq il-Mensija.
- tinġibed l-attenzjoni ta' Bay Mart Supermarket biex iż-żona tinżam nadifa l-ħin kollu.

10.11 l-Kunsillier Norman Vella talab laqgħa mal-Contracts Manager rigward Telgħet Birkirkara ħdejn ir-Remissa.

10.12 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-5.00 p.m.

Peter Bonello
Sindku

Helen Walker
Segretarju Eżekuttiv